MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 106/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin D'Agostino**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin D'Agostino talli fit-18 ta' Jannar 2003 f'Birkirkara bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita` tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b' xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor billi fixkel lil Yvette D'Agostino fil-pussess tad-dar matrimonjali cioe` "Yasmine", Triq l-Ghabex, Birkirkara;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Mejju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil

imsemmi Kevin D'Agostino hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Kevin D' Agostino, minnu prezentat fit-30 ta' Mejju, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2003; ikkunsidrat:

Dan il-kaz beda wara incident li kellhom l-appellant u martu (Yvette D'Agostino) fil-5 ta' Jannar ta' din is-sena. F'dik il-gurnata huma kellhom xi jghidu bl-ikrah – ir-raguni ta' dan il-litigju mhix relevanti ghal meritu ta' dan l-appell – u Yvette D'Agostino harget mid-dar matrimonjali u marret toqghod mal-genituri taghha. Hi tghid li harget ghax zewgha sawwatha; l-appellant, fid-deposizzjoni tieghu, jichad dan u jghid li hi marret toqghod ghand il-genituri taghha ghax kienet ammettiet mieghu li kienet naqset gravement fil-konfront tieghu u kellhom xi jghidu bejniethom. Meta f'din il-gurnata marret ghand il-genituri taghha, Yvette D'Agostino hadet maghha xi affarijiet li kienu jappartjenu lilha; u f'zewg okkazzjonijiet ohra, precizament fis-6 u fis-7 ta' Jannar, il-genituri taghha marru fid-dar matrimonjali, fejn kien qed jistennihom l-appellant, u hadu affarijiet ohra ta' binthom. Gara, pero`, li fit-18 ta' Jannar Yvette D'Agostino u missierha marru biex jiehdu xi affarijiet ohra, izda kif Yvette ippruvat tiftah il-bieb ta' barra bic-cavetta li kellha, sabet li ma setghetx tiftah ghax is-serratura kienet inbidlet. L-appellant jammetti li s-serratura biddilha hu, u li kien jaf li martu kien ghad ghandha c-cavetta tad-dar matrimonjali. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li hu biddel is-serratura biex ihares id-drittijiet tieghu halli ma jhallix lil martu "tiddenuda d-dar matrimonjali mill-mobbli ta' gewwa fiha".

Il-fattispeci kif ukoll il-punt legali involu f'dan il-kaz huma simili hafna – il-punt legali huwa, tista' tghid, identiku – ghal dawk fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Raymond***

***Pace*** deciz minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru, 2000 (App. nru 281/99). F'dik il-kawza din il-Qorti kienet esprimiet ruhha dwar il-posiszzjoni tad-dar matrimonjali f'dawn it-termini:

"Ghar-risoluzzjoni ta' dan il-kaz, wiehed irid jara x'inhi ezattament il-posizzjoni tad-dar matrimonjali ghal dak li jirrigwarda t-tgawdija taghha mill-konjugi. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom jitqiesu bhala "ko-possessuri" tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-possessuri, kull wiehed mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Georgina Gauci*** li ghaliha ghamlu referenza kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali). Il-konjugi jibqghu hekk ko-possessuri anke jekk parti minnhom, fil-pendenza ta' kawza ta' seperazzjoni, titlaq mid-dar matrimonjali, sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti li tiddetermina min mill-konjugi ghandu jibqa', *pendente lite*, f'dik id-dar ad eskluzjoni tal-parti l-ohra (Artikolu 46, Kap. 16). Kieku kien mod iehor, cioe` kieku l-parti li thalli d-dar matrimonjali *pendente lite* titlef id-dritt taghha ta' tgawdija tad-dar u d-dritt li x'hin trid terga' tidhol f'dik id-dar, anke jekk temporanjament, tigi nieqsa incentiva kbira ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; u, kif inhu risaput, il-ligi tiffavorixxi r-rikonciljazzjoni (ara l-Artikoli 37(2), 42(1) U 58(1) tal-Kap. 16). Ma huwiex korrett l-appellant meta jikkontendi li ghax martu abbandunat id-dar matrimonjali hi "ddekadiet mid-dritt ta' l-uzu u l-pussess tad-dar". Id-dekadenza li tikkommina l-ligi meta parti fiz-zwieg titlaq mid-dar matrimonjali hija fir-rigward tad-dritt ghall-manteniment mill-parti l-ohra, u dana biss kemm-il darba l-parti li tkun telqet mid-dar tirrifjuta minghajr raguni valida li tirritorna lura f'dik id-dar (Artikolu 6, Kap. 16). Ghalhekk, meta fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni parti fiz-

zwieg thalli d-dar matrimonjali – u salv dejjem sakemm ma jkunx hemm ordni tal-qorti kompetenti skond it-tieni parti tal-Artikolu 46 imsemmi – il-parti l-ohra ma tista' taghmel xejn intiz sabiex jimpediha milli jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali. Veru li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali ma jkollhiex il-pussess "materjali" tad-dar u tal-oggetti fid-dar, izda jkollha dejjem il-pussess "legali". S'intendi, dan ma jfissirx li minn jibqa' fid-dar matrimonjali ma jistax jiehu dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli sabiex jassigura, per ezempju, li terzi persuni li ma ghandhomx dritt jidhlu fid-dar ma jidhlux. Tali prekawzjonijiet ragjonevoli jistghu jkunu jirrikjedu t-tibdil tac-cavetta tal-bieb ta' barra; pero` jekk isir hekk irid jigi assigurat mill-banda l-ohra li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali jkollha l-possibilita` li tidhol fid-dar x'hin trid, <u>u, jekk tkun trid, anke li tibqa' f'dik id-dar</u>."

Din il-Qorti tara li dak li nghad f'dik is-sentenza japplika wkoll ghal kaz odjern. Jigi precizat, qabel xejn, li ma jirrizulta ebda pjan, kif jallega l-appellant, sabiex martu "tiddenuda d-dar matrimonjali mill-mobbli ta' gewwa fiha". Din il-Qorti tifhem li Yvette D'Agostino riedet tmur u tidhol fid-dar fit-18 ta' Jannar biex tiehu xi hwejjeg taghha li ghandha hemm fid-dar matrimonjali. Mid-deposizzjoni ta' Joseph Attard (missier Yvette), mhux kontradetta minn provi ohra, jirrizulta li l-appellant biddel is-serratura ghax kien qed jikkontendi li la darba martu harget mid-dar matrimonjali ma kienitx intitolata terga tidhol fiha:

**Dak il-hin…qbadt it-telephone u cemplitlu. Ghidtlu "Jaqaw bdilt ic-cavetta?" Qalli "Iva, is-serratura bdiltha ghax hemm gew mhix diehla", qalli "ghax la telqet, telqet"…** (deposizzjoni ta' Joseph Attard tas-26 ta' Settembru, 2003).

Kieku verament l-appellant beza' jew issuspetta li martu kienet ser iggorr affarijiet mid-dar matrimonjali li ma kellhiex iggorr, jew li b'xi mod kienet ser tippregudika l-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa kellu l-mezzi skond il-ligi biex jikkawtela d-drittijiet tieghu minghajr ma neccessarjament jfixkilha fil-pussess tad-dar matrimonjali. Dak li ghamel l-appellant kien

proprju li ha l-ligi b'idejh ghax deherlu li la martu kienet telqet hi ma kellhiex dritt tidhol fl-imsemmija dar.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.  Il-periodu ta' tlett snin tal-liberazzjoni taht kondizzjoni jibda jiddekorri mill-lum. Ghal kull buon fini din il-Qorti regghet fissret bi kliem car lill-appellant li jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dawn it-tlett snin, huwa jigi kkundannat anke ghar-reat meritu ta' dana l-appell, liema reat igorr mieghu bhala regola piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------